



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 116/14

Il-Lussemburgu, l-4 ta' Settembru 2014

Sentenza fil-Kawża C-452/13
Germanwings GmbH vs Ronny Henning

Il-ħin tal-wasla effettiv ta' titjira jikkorrispondi għal mument li fih jinfetaħ mill-inqas bieb wieħed tal-ajruplan

Huwa biss effettivament f'dan il-mument li l-portata tad-dewmien tista' tiġi ddeterminata għall-finijiet ta' possibbiltà ta' kumpens

Id-dewmien ta' titjira tal-kumpannija tal-ajru Germanwings minn Salzburg (l-Awstrija) lejn Köln/Bonn (il-Ġermanja) tat il-possibbiltà lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżar l-mument li jikkorrispondi għall-ħin tal-wasla effettiv ta' ajruplan. Filwaqt li l-ajruplan inkwistjoni telaq b'dewmien ta' 3h10, ir-roti tal-ajruplan messew mat-tarmak tar-runway tal-ajruport ta' Köln/Bonn b'dewmien ta' 2h58. Meta l-ajruplan kien fil-pożizzjoni ta' parkeġġ tiegħu, id-dewmien kien ta' 3h03. Il-bibien infetħu f'it wara.

Wieħed mill-passiġġieri sostna li d-destinazzjoni finali ntlaħqet b'dewmien ta' iktar minn tliet sigħat meta mqabbel mal-ħin tal-wasla previst u li, għalhekk, huwa għandu dritt, kif jirriżulta minn sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, għal kumpens ta' €250. Għal Germanwings, il-ħin tal-wasla effettiv huwa l-ħin meta r-roti tal-ajruplan messew mat-tarmak tal-ajruport ta' Köln/Bonn, b'mod li d-dewmien meta' mqabbel mal-ħin tal-wasla previst huwa ta' 2h58 biss u għalhekk ebda kumpens ma huwa dovut.

Il-qorti tal-Awstrija li quddiemha tressqet il-kawża bejn il-passiġġier u Germanwings għalhekk staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-punt ta' liema mument jikkorrispondi mal-ħin tal-wasla effettiv tal-ajruplan.

Fis-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-kunċett ta' "ħin tal-wasla effettiv" ma jistax jiġi ddefinit b'mod kuntrattwali, iżda għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u uniformi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, matul it-titjira, il-passiġġieri jibqgħu limitati fi spazju magħluq, taħt l-istruzzjonijiet u l-kontroll tat-trasportatur bl-ajru, fejn, għal raġunijiet tekniċi u ta' sigurtà, il-possibbiltajiet tagħhom li jikkomunikaw mad-dinja ta' barra huma kunsiderevolment limitati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-passiġġieri ma jistgħux jissoktaw, mingħajr interuzzjoni, bl-attivitajiet personali, familjari, soċjali jew professjonali tagħhom. Minkejja li dawn l-inkonvenjenzi għandhom jiġu kkunsidrati bħala inevitabbli sa fejn it-titjira ma taqbiżx it-tul previst, ma jistax jingħad l-istess fil-każ ta' dewmien, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-fatt li l-passiġġieri ma jistgħux jużaw il-"ħin mitluf" sabiex iwettqu l-għanijiet li wassluhom jagħżlu preċiżament din it-titjira. Isegwi li l-kunċett ta' "ħin tal-wasla effettiv" għandu jinfetħem fis-sens li jikkorrispondi għall-ħin fejn tali sitwazzjoni tintemm.

Is-sitwazzjoni tal-passiġġieri ta' titjira la tinbidel sostanzjalment meta r-roti tal-ajruplan imissu mar-runway u lanqas meta dan l-ajruplan jilħaq il-pożizzjoni ta' parkeġġ tiegħu, peress li l-passiġġieri jkomplu jkunu suġġetti, fl-isparju magħluq fejn jinsabu, għal restrizzjonijiet differenti. Huwa biss meta l-passiġġieri jkunu awtorizzati jtilqu mill-ajruplan u meta tingħata għal dan l-effett l-ordni sabiex jinfetħu l-bibien tal-ajruplan li l-passiġġieri ma jkunux iktar suġġetti gal dawn ir-restrizzjonijiet u jistgħu fil-prinċipju jerġu jibdedu l-attivitajiet abitwali tagħhom.

¹ Sentenza Sturgeon et, tad-19 ta' Novembru 2009 (Kawżi magħquda [C-402/07](#) u [C'432/07](#), ara wkoll stqarrija għall-istampa Nru [102/09](#))

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-“ħin tal-wasla” użat sabiex tiġi ddeterminata l-portata tad-dewmien subit mill-passiġġieri ta’ titjira jikkorrispondi għall-mument li fih jinfetaħ mill-inqas bieb wieħed tal-ajruplan, peress li huwa mifhum li, f’dan il-mument, il-passiġġieri jkunu awtorizzati jitilqu mill-ajruplan.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-dritt tal-Unjoni jew tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355